MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 1/2010

**AB f'isimha proprja u ukoll bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri C B nominata b'digriet tat-8 ta' Marzu 2010**

**-vs-**

**D E;**
**F B; u**
**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' AB, fejn din wara li ppremettiet:

Illi fil-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) AB izzewget ma' F B u minn dan iz-zwieg kellhom erbat itfal, Curtis, Liam, Emil u Ruby Jane ilkoll ghadhom minuri;

Illi AB u F B isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005);

Illi qabel il-firda de jure ta' AB u F B, huma ghamlu zmien ma jikkoabitawx flimkien. Fil-fatt AB kienet telqet u marret tghix ma' D E fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004);

Illi fit-tlieta (3) ta' Lulju elfejn u hamsa (2005) twieldet il-minuri tas-sess feminili C B, liema minuri qieghda tigi rapprezentata fil-procedura odjerna minn ommha AB;

Illi fuq ic-certifikat tat-twelid ta' C B hemm imnizzlin bhala genituri, Au F B u dan minhabba l-presunzjoni fil-ligi li min jitwieled fiz-zwieg hu presunt li hu wild il-konjugi;

Illi F B ma hux il-missier biologiku ta' C B peress li AB u F B fil-perjodu tal-koncepiment tal-minuri C kienu ilhom separati minn xulxin ghal aktar minn hdax (11)-il xahar, u qatt ma ghamru flimkien f'dan il-perjodu, u certament ma kellhomx rapporti intimi bejniethom;

Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat illi missier C kien l-initmat F B, fil-fatt C B giet ikkoncepita fil-kors ta' relazzjoni adultera li r-rikorrenti kellha mal-intimat D E;

Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, il-missier naturali tal-minuri msemmija huwa D E peress li F B, fiz-zmien bejn it-tlett mitt jum (300) u l-mija u tmenin jum (180) qabel it-twelid tal-minuri C, kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha;

Illi r-rikorrenti ghandhom interess li tigi dikjarata l-paternita' reali tal-minuri C B;

Illi l-paternita' tal-minuri C B tista' tigi stabbilita permezz ta' testijiet genetici appoziti;

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara li l-intimat F B ma huwiex il-missier naturali tal-minuri C B;

Tiddikjara li l-intimat D E huwa l-missier naturali tal-minuri C B;

Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri C B (ATT 2173 tal-2005) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier C B tikkancella l-isem ‘F B’ u tissostitwih bl-isem ‘D E’ u tordna ukoll illi l-partikolaritajiet ghall-post relattivi ghad-dokument tal-identita’, l-eta’, fejn twieldu, joqoghdu u isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet in kwantu jirreferu ghall-missier C B, jigu korretti konsegwentement billi jigu sostitwiti b’dawk il-partikolaritajiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;

Tordna ukoll il-kancellament tal-kliem ‘the said’ minn qabel il-kliem F B fejn hemm indikat it-taghrif dwar l-omm il-minuri;

Tawtorizza lill-minuri tiehu l-kunjom ‘E’.

Bl-ispejjez kontra l-initmati li minn issa qieghed jigi ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tat-8 ta’ Marzu 2010 li permezz tieghu l-istess AB giet mahtura kuratrici ad litem ta’ bintha minuri C B.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi in linea preliminari jigi eccepit li r-rikorrenti AB f’isimha proprio m’ghandhiex il-jedd skond il-ligi li titlob li jigi deciz u ddikjarat li l-minuri C B hija l-wild naturali tal-konvenut D E. Semmai kulma tista’ tezercita f’dan il-kuntest huwa d-dritt li tattakka l-filjazzjoni ta’ bintha, billi titlob li jigi deciz u

ddikjarat li bintha m'hijiex il-wild naturali ta' zewgha F B u dan fil-parametri ristretti tal-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi dwar il-mertu tal-kawza, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi migjuba ghandhom ikunu l-ahjar u kif ukoll sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

Illi madanakollu salv ghall-premess, biex tirnexxi din l-azzjoni, ir-rikorrenti jridu jipprovaw li l-intimat F B fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid taz-zewg minuri rispettivi, kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu AB minhabba li kien boghod minnha ai termini tal-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fl-istess waqt irid jigi pprovat ukoll li l-pussess ta' stat tal-minuri C B ma jaqbilx mal-istat li jaghtiha l-Att tat-Twelid taghha a tenur tal-Artikolu 81 (1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi bla hsara ghas-suespost, f'kaz li jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-intimat D E sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita', (3) l-eta' tieghu meta twieldet it-tifla, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet it-tifla, (6) isem u kunjom ta' missieru, u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla C. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid numru progressiv 2173 tas-sena 2005. Inoltre, il-partijiet iridu jaqblu ukoll liema kunjom ha tassumi l-minuri C;

Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggjettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta kongunta ta’ D E u F B fejn dawn qalu:

Illi l-konvenut D E ma jopponix it-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur tal-atturi tal-4 ta’ Jannar 2010;

Illi l-konvenut F B ma jopponix it-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur tal-atturi tal-4 ta’ Jannar 2010 hlief ghall-fatt illi hu ma ghandux jinzamm responsabbli ghall-ispejjez tal-kawza odjerna stante li l-azzjoni gudizzjarja tal-attur m’hijiex attribwibbli jew konsegwenza ta’ xi att jew omissjoni da parti tieghu.

Rat in-nota a fol. 66 tal-process li permezz taghha l-istess AB irrinunzjat ghall-kawza f’isimha proprju,

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Mejju 2010 li permezz tieghu l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku rtira l-ewwel eccezzjoni tieghu.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza, AB, ghan-nom ta’ bintha minuri qed titlob illi c-certifikat tat-twelid tal-istess bintha jigi korrett fis-sens li jirrifletti l-verita’ u cioe’ li bintha m’hijiex wild naturali ta’ zewgha F B izda hija wild naturali ta’ D E.

Il-Qorti tqis illi l-provi prodotti partikolarment ir-rizultati tal-ezamijiet xjentifici esegwiti u konfermati bil-gurament minn Dr. Marisa Cassar juru illi t-talba tal-omm ghan-nom ta’ bintha hija gustifikata u jisthoqqilha li tigi milqugha.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

1. Tiddikjara li l-minuri C m’hijiex wild naturali ta’ F B izda hija wild naturali ta’ D E;

2. Tordna li fl-Att tat-Twelid Nru. 2173 tas-sena 2005 fil-kolonna bid-dettalji tal-missier jithassru l-konnotati ta’ F B u minflokhom jitnizzlu l-konnotati ta’ D E, Nru. tal-Karta tal-Identita 19674(M), tal-eta’ ta’ wiehed u tletin sena, imwieled Pieta’ u residenti Santa Venera, iben Emanuel E, haj. Kunjom il-minuri ghandu jkun E. Mill-kolonna bid-dettalji dwar l-omm ghandhom jithassru l-kliem “*the said*”.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn AB.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------